MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 405/2009

**Master Distributors Limited (C 2837)**

**Vs**

**M.P. Enterprises Limited (C 33338) gja PAK-Malta Catering Ltd u Zia ul Noor (ID no 28968A) u Aliya Noor (ID no 28969A)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta et ghall-hlas ta' €5464.51 (hamest elef erbgha mija u erbgha u sittin euro u wiehed u hamsin centezmu) rappresentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut M.P. Enterprises Limited, ai termini tal-ftehim datat 27 ta’ April 2005 (anness dok A).

L-intimati Zia ul Noor u Aliya Noor huma responsabbli solidament u indivisament ghall-hlas mitlub mas-socjeta' intimata, bis-sahha tal-ftehim anness Dok A.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-mandat ta' sekwestru numru 3280/09 presentat mal-avviz u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura kif risultanti mill-istatement anness Dok B, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markat Dok A u Dok B a fol 2 sa fol 4 tal-atti, kif ukoll dak verbalizzat a fol 50 u fol 52 ibid.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti et sabiex is-socjeta' intimata et jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' rikorrenti et naqsu u ma dehrux fit-30 ta' Novembru 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' rikorrenti solidalment u indivisament bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' €5464.51 bl-imghax legali 'a scaletta' mid-data ta' kull fattura kif risultanti mill-anness dokument markat Dok B imsemmi sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 3280/09.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------